

Brussell, 22 ta' Mejju 2018
(OR. en)

8954/18

DEVGEN 66
ACP 37
FIN 386
RELEX 406
ENER 145
CLIMA 81

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

fi: 22 ta' Mejju 2018

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 8550/18

Suġġett: Enerġija u żvilupp
- Konklużjonijiet tal-Kunsill (22 ta' Mejju 2018)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Enerġija u l-iżvilupp, kif adottati mill-Kunsill fit-3618-il laqgħa tiegħu li saret fit-22 ta' Mejju 2018.

Enerġija u żvilupp
Konklużjonijiet tal-Kunsill

1. Bl-għan li jinkisbu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) u li ħadd ma jitħalla lura, l-UE u l-Istati Membri tagħha qed ifittxu jisfruttaw il-potenzjal tas-settur tal-enerġija billi, b'mod kosteffettiv, jaħdmu għal tliet oġġettivi interkonnessi ewlenin fil-qasam tal-enerġija u l-iżvilupp: (1) l-indirizzar tan-nuqqas ta' aċċess għall-enerġija; (2) iż-żieda tal-effiċjenza fl-enerġija u l-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli; u (3) il-kontribut għall-ġlieda globali kontra t-tibdil fil-klima skont il-Ftehim ta' Pariġi u l-Kontributi Stabbiliti fil-Livell Nazzjonali (NDC) relatati ppreżentati mill-Partijiet.¹
2. Għall-pajjiżi sħab li qed jiżviluppaw, il-Kunsill ifakkar li l-UE u l-Istati Membri tagħha jindirizzaw il-faqar enerġetiku fil-livelli kollha billi jikkontribwixxu għall-aċċess universali għall-enerġija li huwa affordabbli, modern, affidabbli u sostenibbli, b'fokus qawwi fuq l-enerġija rinnovabbli, l-effiċjenza fl-enerġija u l-governanza tajba tas-sistemi tal-enerġija. Il-Kunsill jagħraf li l-aċċess għall-enerġija huwa kruċjali biex jinqered il-faqar u li t-transizzjoni tal-enerġija hija essenzjali biex titwettaq l-Aġenda 2030 inkluż l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli. Il-Kunsill jitlob lill-partijiet ikkonċernati kollha biex jimmiraw l-appoġġ tagħhom, inkluż permezz ta' strumenti ta' politika soċjali rilevanti, b'mod partikolari lejn persuni foqra u żoni ġeografiċi vulnerabbli. Il-Kunsill jissottolinja li l-faqar enerġetiku u l-konsegwenzi relatati tiegħu huma fost il-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni irregolari peress li jwassal lin-nies biex ifittxu għajxien aħjar xi mkien ieħor.

¹ Kif spjegat fil-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp 2017 (10108/17)

3. Il-Kunsill jissottolinja l-potenzjal tal-konnessjonijiet transsettorjali li jimmassimizzaw il-benefiċċji u s-sinerġiji multipli billi jippromwovu l-enerġija sostenibbli bħala faċilitatur tal-SDGs. Attenzjoni speċjali għandha tingħata lill-interkonnessjonijiet bejn l-enerġija u temi oħra, inkluż il-qerda tal-faqar, l-ugwaljanza bejn is-sessi, l-impjiegi, it-tkabbir agrikolu sostenibbli, is-sigurtà tal-ikel, l-edukazzjoni, is-saħħa, l-ilma nadif u s-sanità, il-paċi u s-sigurtà, ir-refuġjati u sitwazzjonijiet oħra ta' spostament. Ir-riskji ta' compromessi, fost l-oħrajn fost l-enerġija sostenibbli, is-sigurtà tal-ikel u l-ilma, ser ikollhom jiġu ġestiti sabiex tiżdied l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi, waqt li jiġu sfruttati s-sinerġiji, tittejjeb il-governanza u tikber il-koerenza politika fis-setturi kollha. Il-Kunsill ikompli jenfasizza l-importanza tal-promozzjoni tal-inizjattivi ta' politika u jappoġġa lil pajjiżi sħab fl-ippjanar, il-koordinazzjoni u l-implimentazzjoni ta' approċċ integrat biex jiġu indirizzati b'mod konkret l-interkonnessjonijiet bejn l-art, l-ikel, l-ilma u l-enerġija.
4. Il-Kunsill jagħraf il-ħtieġa li tiġi integrata l-ugwaljanza bejn is-sessi fl-azzjonijiet kollha ta' żvilupp u enerġija, u jfakkar fl-impenji tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi. B'mod partikolari, il-Kunsill jissottolinja l-importanza li jiġi żgurat aċċess indaqs għar-riżorsi tal-enerġija u l-kontroll tagħhom fost l-irġiel u n-nisa. Il-Kunsill jisħaq fuq il-ħtieġa li jkompli l-appoġġ għall-awtonomizzazzjoni tan-nisa, il-bniet u ż-żgħażaġh, u l-involvement indaqs tagħhom fis-settur tal-enerġija, inkluż permezz tal-intraprenditorija, l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali tan-nisa u l-aċċess imtejjeb tagħhom għal riżorsi finanzjarji.

5. Il-Kunsill ifakkar fil-konklużjonijiet tiegħu dwar Enerġija u Żvilupp² u dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija Globali tal-UE³. L-appoġġ għall-Afrika u l-Viċinat tal-UE fit-transizzjoni tal-enerġija tagħhom lejn enerġija affordabbli, sigura u sostenibbli huwa parti importanti tad-dimensjoni esterna tal-Unjoni tal-Enerġija tal-UE. L-appoġġ għal koerenza aħjar tal-politiki dwar l-enerġija u l-klima, inkluż permezz ta' diplomaziji kkoordinati dwar l-enerġija u l-klima, bl-għan li jkun possibbli l-allinjament tat-transizzjoni tal-enerġija mal-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi, ser ikun ukoll kontribut importanti għar-reżiljenza tal-istat u tas-soċjetà fil-pajjiżi sħab. F'konformità mal-Istrateġija Globali tal-UE u l-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp, l-UE tinsab lesta biex tappoġġa lill-pajjiżi sħab kollha li qed jiżviluppaw fl-isforzi ta' transizzjoni tagħhom, essenzjali għall-bini ta' reżiljenza u stabbiltà. Il-Kunsill itenni l-ħtieġa ta' konformità sħiħa mal-istandards internazzjonali dwar l-ambjent u dawk dwar is-sikurezza nukleari fil-pajjiżi sħab, kif iddikjarat fil-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp.
6. Il-Kunsill jenfasizza wkoll li t-trasformazzjoni tas-settur tal-enerġija u l-bqija tal-ekonomija hija inseparabbli. Bħala mutur ewlieni tal-ekonomija, is-settur tal-enerġija għandu rwol importanti fl-iżvilupp sostenibbli.
7. Il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa li jissaħħu l-kooperazzjoni u l-kapaċitajiet reġjonali u subreġjonali fis-settur tal-enerġija sostenibbli u tal-klima. Barra minn hekk il-Kunsill jappoġġa sforzi lejn kosteffettività akbar fis-settur tal-enerġija li jiffavorixxu l-integrazzjoni, il-kummerċ u l-investment reġjonali bħal Ċentri tal-Investment Reġjonali fl-Enerġija stabbiliti fil-komunitajiet ekonomiċi reġjonali.

² 14839/16

³ 6981/17

8. Il-Kunsill jilqa' d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni "Empowering Development: Implementation of the new European Consensus on Development in energy cooperation"⁴ (It-Tisħiħ tal-Pożizzjoni tal-Iżvilupp: Implimentazzjoni tal-Kunsens Ewropew dwar l-Iżvilupp b'rabta mal-kooperazzjoni fil-qasam tal-enerġija). B'mod partikolari, il-Kunsill jaqbel li t-tliet muturi li ġejjin huma ta' importanza kritika biex jinkisbu l-oġettivi ta' żvilupp fil-qasam tal-enerġija: (i) il-promozzjoni tas-sjieda politika u s-sħubijiet għall-implimentazzjoni, (ii) it-titjib tal-governanza u r-riformi tas-settur tal-enerġija, u (iii) t-tisħiħ tal-investment permezz ta' politiki u oqfsa regulatorji xierqa, inkluż permezz ta' strumenti finanzjarji innovattivi. Il-Kunsill jenfasizza wkoll l-importanza li tkun appoġġata d-diġitalizzazzjoni tas-settur tal-enerġija, peress li s-soluzzjonijiet diġitali qed juru li huma strumentali biex tiġi ffaċċata l-kumplessità dejjem tiżdied tas-sistemi tal-enerġija. Il-Kunsill jinkoraġġixxi wkoll lill-Kummissjoni biex iżżid il-viżibbiltà, il-monitoraġġ, il-kondiviżjoni tal-għarfien u l-iskambju tal-aħjar prattiki tal-azzjonijiet tal-UE, inkluż permezz ta' kooperazzjoni dwar ix-xjenza, it-teknoloġija u l-innovazzjoni, fil-qasam tal-enerġija u l-iżvilupp sostenibbli.
9. Il-Kunsill ifaħħar id-deċiżjonijiet u l-impenji dwar l-enerġija u l-iżvilupp meħuda waqt is-Summit tas-Sħubija tal-Lvant u l-ħames Summit bejn l-Unjoni Afrikana u l-Unjoni Ewropea li sar f'Novembru 2017.
10. Il-Kunsill jilqa' wkoll l-azzjoni konkreta fil-qasam tal-enerġija u l-iżvilupp inkluż il-progress miksub permezz tal-inizjattiva EU4Energy u l-Inizjattiva Afrika għal Enerġija Rinnovabbli. Il-Kunsill jagħraf il-potenzjal ta' inizjattivi ta' sħubijiet oħra bħall-Alleanza Solari Internazzjonali.
11. Fil-qasam tal-enerġija u l-iżvilupp, il-Kunsill jinkoraġġixxi l-użu tal-akkwist sostenibbli biex jinkiseb l-ekwilibriju xieraq bejn it-tliet pilastri tal-iżvilupp sostenibbli – dak ekonomiku, dak soċjali u dak ambjentali – għall-akkwist ta' oġġetti, servizzi jew xogħlijiet waqt id-diversi stadji tal-proġetti.
12. Il-Kunsill itenni r-rwol tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-awtoritajiet lokali bħala sħab deċiżivi biex jinkiseb SDG 7, b'mod partikolari bħala sħab b'rabta mal-iffaċilitar tal-aċċess għall-enerġija kemm fiż-żoni urbani kif ukoll f'dawk rurali.

⁴ 15866/17

13. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza li jiġu mmobilizzati l-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, inkluż is-settur privat sabiex jiżiedu l-investimenti, billi jittaffew ir-riskji finanzjarji u jkunu stimolati riżorsi addizzjonali għall-enerġija u l-iżvilupp. F'dan il-kuntest, il-Kunsill ifaħħar l-inizjattivi tematiċi appoġġati permezz tat-taħlit u jilqa' t-tfassil tal-opportunità ta' investiment b'rabta mal-enerġija sostenibbli u l-konnettività taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli tal-Pjan ta' Investiment Estern. Dan l-istrument jappoġġa investimenti u aċċess akbar għall-finanzjament, inkluż fl-oqsma tal-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza fl-enerġija. Huwa ta' benefiċċju għall-pajjiżi sħab u s-settur privat fl-Afrika u l-Viċinat Ewropew li qed ifittxu li jużaw b'mod effettiv l-enerġija sostenibbli bħala mutur għal tkabbir ekonomiku inklużiv u żvilupp sostenibbli u għaldaqstant jindirizzaw kawżi soċjoekonomiċi fundamentali speċifiċi tal-migrazzjoni.
14. Il-Kunsill jagħraf l-isforzi tal-Kummissjoni biex issaħħaħ l-iżvilupp u l-addizzjonalità finanzjarja fl-operazzjonijiet ta' taħlit tal-UE, b'mod partikolari fil-qasam tal-enerġija u l-iżvilupp. Il-Kunsill itenni l-impenn tal-UE u l-Istati Membri tagħha li jużaw taħlit li jkun konformi mal-prinċipji stabbiliti fl-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa dwar il-Finanzjament għall-Iżvilupp.⁵
15. Il-Kunsill ifakkar li l-UE u l-Istati Membri tagħha ser jippromwovu wkoll l-eliminazzjoni gradwali ta' sussidji għas-sorsi tal-enerġija fossili li jagħmlu ħsara lill-ambjent u jappoġġaw soluzzjonijiet li huma sikuri u sostenibbli, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi, li huma intelliġenti fil-livell klimatiku u li jikkontribwixxu b'mod aktar effettiv għall-qerda tal-faqar.
16. Il-Kunsill jilqa' azzjonijiet għall-implimentazzjoni aċċelerata tal-SDG7, inkluż tisjir nadif u soluzzjonijiet għat-tisħin, filwaqt li jingħalaq id-distakk fl-aċċess għall-elettriku u jiġi sfruttat il-potenzjal ta' soluzzjonijiet deċentralizzati u lokali tal-enerġija rinnovabbli.

⁵ Dokument ta' Eżitu tat-Tielet Konferenza Internazzjonali dwar il-Finanzjament għall-Iżvilupp: Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa, paragrafu 48 (15 ta' Lulju 2015)

17. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza tas-sħubijiet globali dwar l-enerġija u l-iżvilupp li għandhom l-għan li jsaħħu l-pożizzjoni tal-partijiet ikkonċernati fil-livelli kollha biex ikunu jistgħu jimplimentaw proċessi ta' trasformazzjoni olistika. Għaldaqstant huwa jinkoraġġixxi lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jiżguraw kollaborazzjoni u kooperazzjoni effettivi, inkluż fit-tnejn tal-24 Sessjoni tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima u l-Forum Politiku ta' Livell Għoli dwar l-Iżvilupp Sostenibbli li ser isiru fl-2018.
-